Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2003

Appell Civili Numru. 1908/1997/1

**Telemalta Corporation u b'digriet
tat-tmienja (8) ta' Frar, 1999
l-isem "Telemalta Corporation"
gie sostitwit b' "Maltacom p.l.c."**

**vs**

**Salvu Brincat**

**Il-Qorti,**

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-korporazzji attrici, wara illi ppremettiet illi fuq talba tal-konvenut hija kienet installat servizz telefoniku bin-numri 672278 u 665779 rispettivament fil-fond 9, Pope Alexander VII Street, Vittoriosa, u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness Dokument A u cioè kopja fotostatika awtentika tas-‘service agreement’ ezistenti bejn il-partijiet; illi skond l-istess ‘service agreement’ il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghal zmien jigu stabbiliti mill-korporazzjoni attrici; illi l-konvenut huwa debitur tal-korporazzjoni attrici fl-ammont ta’ Lm1011.50 (elf u hdax il-lira maltin u hamsin centezmu) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses calls), kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mal-istess servizz telefoniku u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness ‘statement’ immarkat bhala dokument B; u illi l-istess konvenut gie nterpellat ihallas is-somma imsemmija izda baqa’ inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza, talbet illi l-konvenut jigi kundannat ihallas lill-korporazzjoni attrici s-somma ta’ Lm1011.50, bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-10 ta’ Marzu, 1997, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni tal-korporazzjoi attrici, guramentat minn Saviour Farrugia, u l-lista tax-xhieda u d-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut illi permezz taghha eccepixxa:

1. In linea preliminari l-preskrizzjoni almenu ghal parti minn dak reklamat u dan ai fini ta’ l-Artiklu 2148(f) tal-Kodici Civili;
2. Illi minghajr pregudizzju u in substantia l-pretensjonijiet tas-socjetà attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li kien hemm cross (*sic*) lines u t-telephone ma kienx qed jirregistra l-pulses kif imiss;
3. Salv eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-tmienja (8) ta' Gunju, 2000 illi permezz taghha l-Qorti, filwaqt illi cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenut, laqghet it-talbiet attrici billi kkundannat lill-konvenut sabiex ihallas lis-socjetà attrici s-somma ta' Lm1011.50 (elf u hdax il-lira maltin u hamsin centezmu) dovuta ghall-uzu (pulses/calls), kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numri 672278 u 665779 liema servizz kien gie nstallat fuq talba tal-konvenut, bl-ispejjes komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 10 ta' Marzu, 1997, tat-taxxa fuq il-valur mizjud fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghax legali mid-data tal-10 ta' Marzu 1997 sal-effettiv pagament kontra l-istess konvenut, u dana wara illi kkunsidrat hekk:
"Illi l-kawza odjerna titratta dwar talba tas-socjetà attrici sabiex il-konvenut jigi kundannat ihallasha l-ammont ta' Lm1011.50 ghall-uzu (pulses/calls), kera tal-linja u taxxa fuq il-valur mizjud fuq parti mill-kera in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numri 672278 u 665779 installati fil-fond 9, Pope Alexander VII Street, Vittoriosa fuq talba tal-istess konvenut.
"Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi dan is-servizz gie installat fil-fond imsemmi fic-citazzjoni fuq applikazzjoni tal-istess konvenut tat-22 ta' Dicembru 1992 a rigward tan-numru 665779, u dan mhux kif qal l-istess konvenut fl-affidavit tieghu li kien applika ghalih missieru u kien registrat fuq missieru. Illi a rigward tan-numru 672278 ma gie pprezentat l-ebda 'service agreement' però l-konvenut fl-affidavit tieghu ammetta li dan kien in-numru tieghu, li applika ghalih hu però f'residenza differenti minn dik imsemmija fic-citazzjoni attrici. Illi a rigward tan-numru 672278 ikopri l-perjodu bejn Marzu sa Novembru 1994, u ghan-numru 665779 ikopri l-perjodu bejn Frar sa Dicembru 1994. Jirrizulta bhala fatt mir-riferta a tergo fol 8 u 9 li l-konvenut ircieva c-citazzjoni fis-6 ta' Mejju 1998, mentri c-citazzjoni giet pprezentata fis-27 t' Awissu 1997. Jidher ukoll mill-istess citazzjoni attrici li giet presentata ittra ufficjali kontra l-konvenut, li ma gietx ikkontestata fl-10 ta' Marzu 1997.

"(1) L-EWWEL ECCEZZJONI

"Illi l-konvenut in linea preliminari almenu ghal parti minn dak reklamat eccepixxa l-preskrizzjoni ai fini ta' l-Artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili.

"Illi dwar din l-ewwel eccezzjoni ssir riferenza ghas-sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fl-ismijiet '**Maltacom plc vs Anne Micallef**' (deicza fit-13 ta' Jannar 2000 - Cit Nru 2927/97/RCP) fejn saru diversi riferenzi ghad-decizjonijiet moghtija minn dawn il-Qrati rigward il-preskrizzjoni f'kazi simili. Illi fil-kaz appena riferit gie deciz li l-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156(1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, kif jinstab stabbilit fl-istess sentenzi u dawk fl-ismijiet '**Maltacom plc vs Charles Pool**' (FGC - 5 ta' Novembru 1999); '**Korporazzjoni Telemalta vs Carmel Dingli**' (GV 28 ta' April 1997); '**Saviour Farrugia nomine vs Albert Pearson**' (2 ta' Mejju 1997).

"Illi peress li tali servizz baqa' provvdut interrottament sa Dicembru 1994 ghan-numru 665779, u sa Novembru 1994 ghan-numru 672278, jirrizulta li l-perjodu preskrittiv ta' hames snin ma lahaqx iddekorra la mill-presentata tac-citazzjoni fis-27 ta' Awissu 1997, u lanqas sal-presentata tal-eccezzjonijiet fil-11 ta' Mejju 1998, u fi kwalunkwe kaz il-preskrizzjoni giet interrotta fl-istess terminu bin-notifika tal-ittra ufficjali datata 10 ta' marzu 1997, u debitament notifikata fit-temini utili ghalhekk anke f'dan ir-rigward, l-eccezzjoni tal-konvenut ma tistax tigi milqugha.

"(II) IT-TIENI ECCEZZJONI

"Illi l-konvenut eccepixxa wkoll illi l-pretenzjonijiet tas-socjetà attrici ghandhom jigu rigettati bl-ispejjez stante li kien hemm *cross-lines* u t-telephone ma kienx qed jirregistra l-pulses kif imiss.

"Illi fl-affidavit tieghu l-konvenut spjega li ghall-ahhar tal-1993, bidu 1994, il-kontijiet bdew ikunu gholjin hafna. Hu kien induna li kellu problema ta' *cross-lines*. Di konsegwenza hu mar jaghmel rapport il-branch tal-Birgu u huma sabu li veru kien hemm *cross-lines* u qalulu li rrangaw il-hsara. Esibixxa wkoll dokument li tawh huma mmarkat Dok S u datat 23 ta' Novembru 1995. Illi però hu jsostni li kemm qabel kif ukoll wara din l-okkazjoni gieli kienu jcemplulu nies li kienu jsaqsuh ghal nies li ma jafhomx u gieli anke jcemplu minn barra. Illi hu zied li

f'dan il-perjodu kien ghamel ukoll xi xahar u nofs minghajr linja, u li meta cemplilhom qalulu li kellhom il-hsara u kienu qed jirrangawha.  Illi hu qal li kien ghamel rapporti ohra fuq *cross-lines* u mar kemm-il darba Spencer Hill, Marsa.  Illi wara dawn ir-rapporti kollha u wara t-tiswija xorta baqa' jircievi kontijiet gholjin.  Illi baqa' jirrapporta sa 1996 u dejjem qalulu li kienu se jaraw, però l-problemi li n-nies icemplulu *wrong number* xorta baqghu, anzi zdiedu. Fin-1996 qatghulu l-linja.

"Illi fix-xhieda tieghu **Noel Scerri**, rapprezentant tas-socjetà attrici, qal li ghal dak li qal il-konvenut li l-kont huwa esagerat jidher li verament kien hemm hsara fil-linja li giet rappurtata fit-22 ta' Novembru 1995 u li giet irrangata immedjatament fit-23 ta' Novembru 1995.  Hu spjega li l-kontijiet telghu quddiem il-*Contestation Board* biex jaraw hemmx lok li jigi *credited* b'xi ammont però skond il-file relattiv jidher li l-*Contestation Board* ta' dak iz-zmien Telemalta ma deherlux li kellu jaghmel dan l-aggustament peress illi l-*fault* kien ta' erbgha u ghoxrin siegha biss.  Illi saret minuta f'dan is-sens mill-istess *Contestation Board* fis-26 ta' Novembru 1996.  Illi ghall-ammont indikat fic-citazzjoni ghadu dovut fl-intier tieghu u s-servizzi indikati fic-citazzjoni kienu - sa dak iz-zmien li nqatghu minhabba *non-payment* - registrati f'isem il-konvenut.

"Illi xehed ukoll **Joseph Buttigieg**, Senior Technician mal Maltacom p.l.c. li qieghed fuq *faults*, fuq il-*cables*.  Illi hu qal li l-ahhar li kellu x'jaqsam ma' dan in-numru, minghajr ma specifika liema numru, kien meta mar isewwieh fit-22 ta' Novembru 1995 u mir-*records* qal li l-fault kien jikkonsisti fi *crossed-lines*.

"Illi xehed ukoll **Brian Galea** li qal li kull meta kien icempel kien jaqbad ghand in-nies u dan anki jekk jiddalja tajjeb.

"Illi minn dawn il-provi kollha prodotti din il-Qorti thoss li l-konvenut ma rnexxilux jipprova soddisfacentement l-allegazzjoni tieghu.  Hu minnu li kien hemm xi tip ta' hsara li kienet *cross-lines* però din giet irrangata u kif xehed il-P.L. Noel Scerri dan il-*fault* kien ta' erbgha u ghoxrin siegha biss.

"Illi ghalhekk it-talbiet attrici a bazi tal-premess ghandhom jigu milqugha."

Rat ir-rikors ta' l-appell tal-konvenut illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab illi s-sentenza hawn fuq imsemmija tigi mhassra, revokata u kancellata u illi filwaqt illi jintlaqghu l-eccezzjonijiet tal-konvenut appellant jigu michuda t-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-korporazzjoni attrici;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-aggravji tal-konvenut kontra s-sentenza appellata huma s-segwenti:
(1) illi, ghal dak illi jirrigwarda l-konsiderazzjoni ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni *ai termini* ta' l-artikolu 2148(f) tal-Kodici Civili sollevata mill-konvenut, l-ewwel Qorti, fil-kliem testwali tar-rikors ta' appell, "… ghamlet apprezzament hazin tal-ligi meta ddecidiet illi l-preskrizzjoni applikabbli kemm ghall-kera u kif ukoll ghall-pulses hija dik regolata bl-artikolu 2156(a) tal-Kap. 16";
(2) illi, bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, ukoll fi kliem ir-rikors ta' l-appell, "… l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-ligi u tal-provi meta ddikjarat illi l-preskrizzjoni tal-hames snin kienet giet interrotta permezz ta' ittra ufficjali datata 10 ta' Marzu 1997";
(3) illi l-ewwel Qorti kkonkludiet hazin illi l-konvenut appellant ma rnexxilux jipprova l-allegazzjoni tieghu dwar il-hsarat li kellu fil-linja tat-telephone.

Ikkunsidrat:

Illi, ghal dak illi jirrigwarda l-ewwel (1) aggravju, qabel xejn, ghall-precizjoni, irid jigi puntwalizzat illi fis-sentenza appellata jinghad illi l-preskrizzjoni applikabbli ghall-pretensjoni attrici hija dik kontemplata mill-artikolu 2156(1) tal-Kap. 16 u mhux l-artikolu 2156(a) ta' l-istess Kap. (kif jissottometti l-konvenut fl-aggravju in ezami). Irid jigi puntwalizzat ukoll, però, illi m'hemmx dubbju illi l-indikazzjoni ta' l-artikolu 2156<u>(1)</u> fis-sentenza appellata huwa *lapsus calami* ghaliex fl-artikolu 2156 tal-Kap. 12 ma

jezistix inciz enumerat (1). Anqas ma hemm dubbju illi l-artikolu relativ illi riedet taghmel riferenza ghalih l-ewwel Qorti huwa l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16. Infatti, l-ewwel Qorti, meta kienet qed tikkonsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u semmiet l-artikolu 2156(1) tal-Kap. 16, in sostenn ta' dak illi kienet qed isostni ghamlet riferenza ghas-sentenza taghha tat-tlettax (13) ta' Jannar, 2000 fil-kawza fl-ismijiet "Maltacom p.l.c. vs. Anne Micallef" (Citaz. Nru. 2927/97) u, fil-parti rilevanti ta' din l-ahhar imsemmija sentenza jinghad hekk:
"*Illi ghalhekk isegwi li l-preskrizzjoni applikabbli ma hijiex dik ai termini tal-artikolu 2148 (f) tal-Kap 16, izda dik ta' hames snin ai termini tal-Artikolu 2156 (f) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, …*";

Illi dina l-Qorti taqbel pjenament mal-konkluzjoni raggjunta fis-sentenza appellata illi l-preskrizzjoni applikabbli ghall-kaz in ezami hija dik kontemplata mill-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 u mhux dik kontemplata mill-artikolu 2148(f) ta' l-istess Kap.

Illi, ghalhekk, l-ewwel aggravju tal-konvenut appellant mhux fondat.

Din l-Qorti hija konxja illi fir-rikors ta' l-appell tieghu l-konvenut qal: "… l-appellant qieghed presenzjalment jissolleva l-preskrizzjoni ai fini ta' l-artikolu 2156(f) tal-kap. 16 …". Però, kif ikompli jghid l-appellant stess fir-rikors ta' l-appell, l-ewwel "Qorti dahlet ukoll f'din il-preskrizzjoni." Irid jizdied illi l-ewwel Qorti ikkonkludiet illi t-talba attrici mhix preskritta ai termini ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, konkluzjoni illi maghha dina l-Qorti taqbel.

Ghalhekk, is-sottomissjoni maghmula mill-konvenut fir-rikors ta' l-appell tieghu illi t-talba attrici hija preskritta *ai termini* ta' l-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 qed tigi respinta.

Ikkunsidrat:

Illi ma hemmx lok ghal provvediment dwar it-tieni (2) aggravju tal-konvenut ghaliex, la darba gie pruvat ghas-sodisfazzjon ta' l-ewwel Qorti - u anke ta' dina l-Qorti - illi

bejn id-data ta' meta inholoq il-kreditu in kontestazzjoni tal-korporazzjoni attrici u d-data tan-notifika tal-konvenut bl-att ta' citazzjoni odjern ma lahqux iddekorrew il-hames snin kontemplati mill-artikolu 2156(f) tal-Kap. 16, ma kienx hemm bzonn illi l-ewwel Qorti tikkonsidra jekk dan il-perijodu preskrittiv giex interrott permezz ta' l-ittra ufficjali tal-10 ta' Marzu 1997;

Ikkunsidrat

Illi, kwantu ghat-tielet (3) aggravju ta' l-appellant, ghalkemm huwa veru illi fis-sentenza appellata ma hemmx konsiderazzjoni fit-tul dwar l-eccezzjoni tal-konvenut illi "… kien hemm cross lines u t-telephone ma kienx qed jirregistra l-pulses kif imiss", ma jistax jinghad illi, kif qed jissottometti l-konvenut fir-rikors ta' l-appell, l-ewwel Qorti "… bla spjegazzjoni ta' xejn iddikjarat illi huwa [il-konvenut] ma rnexxilux jipprova l-allegazzjoni tieghu." Fil-fatt, dwar il-materja in ezami fis-sentenza appellata jinghad hekk:
"*Hu minnu li kien hemm xi tip ta' hsara li kienet cross-lines però din giet irrangata u kif xehed il-P.L. Noel Scerri dan il-fault kien ta' erbgha u ghoxrin siegha biss*."

Illi dina l-Qorti ukoll hija tal-fehma illi t-tieni eccezzjoni - u, konsegwentement, it-tielet (3) aggravju - tal-konvenut ghandha tigi tigi respinta u illi t-talba attrici ghandha tigi akkolta u, b'zieda ma' dak illi jinghad fir-rigward fis-sentenza appellata, taghmel is-segwenti osservazzjonijiet:
(1) Mill-provi prodotti jidher illi l-kontestazzjoni tal-konvenut hija <u>biss</u> dwar il-kont illi jirrigwarda l-linja telefonika numru 672278. Infatti, fl-*affidavit* tieghu (Dok. A, fol. 14-15) il-konvenut, dwar il-linja telefonika numru 665779, jghid hekk:
"*… dan kien in-numru li kien registrat fuq isem missieri Domenic. … Ma nafx jekk kienx hallas jew le. Ma nafx fadalx bilanc fuq dan peress li missieri ilu mejjet minn Marzu 1992 u meta miet jien ma kontx nghix mieghu*."

(2) L-ammont pretiz mill-korporazzjoni attrici ghar-rigward tal-linja telefonika numru 665779 huwa ta' Lm328.44 (ara Dok. B, fol. 5) u l-kont relativ jirreferi ghal perijodu illi beda

fil-hdax (11) ta' Frar, 1994 (ara Dok. NS2, fol. 26-29), kwazi sentejn wara l-mewt ta' missier il-konvenut. Inoltre, mid-dokument A (fol. 6) jirrizulta illi fit-22 ta' Dicembru, 1992 il-linja telefonika numru 665779 giet registrata f'isem il-konvenut;

(3) Id-depozizzjoni ta' Brian Galea (fol. 64-65), prodott bhala xhud mill-konvenut, ma ghandha ebda rilevanza ghall-materja in ezami ghaliex minnha ma jirrizulta assolutament xejn illi jirrigwarda il-linja telefonika numru 672278;

(4) Illi ma saret ebda prova illi, kieku fir-realtà il-linja telefonika numru 672278 kienet ripetutament diffettuza minhabba *crossed lines*, dan id-difett kien ikollu xi effett fuq l-ammont relativ pretiz mill-korporazzjoni attrici;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appell billi tichdu u billi tikkonferma s-sentenza appellata;

Tordna illi l-ispejjes ta' din l-istanza jigu sopportati kollha mill-konvenut appellant.

-------------------------------TMIEM-------------------------------